32003D0662

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL Nru 2003/662/CFSP

tas-26 ta' Mejju 2003

li tikkonċerna l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tat-Turkija fuq il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tat-Turkija fil-forzi mmexxija milll-Unjoni Ewropea f'dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkonsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 24 miġjub fih,

Wara li kkonsidra r-rakkomandazzjoni tal-Presidenza,

Billi:

(1) Fis-27 ta' Jannar 2003, il-Kunsill addotta l-Azzjoni Konġunta 2003/92/CFSP dwar l-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea f'dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja [1].

(2) L-Artikolu 8 ta' dik l-Azzjoni Konġunta jistabbilixxi li l-arrangamenti ddettaljati rigward il-parteċipazzjoni tal-Istati terzi għandha tkun soġġetta għal ftehim skond l-Artikolu 24 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

(3) Skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Marzu 2003 li tawtorizza lis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli biex jiftaħ in-negozjati, is-Segretarju Generali/Rappreżentant Għoli innegozja Ftehim mar-Repubblika tat-Turkija dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tat-Turkija fil-forza mmexija mill-Unjoni Ewropea f'dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.

(4) Dan il-Ftehim għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tat-Turkija dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tat-Turkija fil-forza mmexxija mill-Unjoni Ewropea f'dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja huwa permezz ta' din id-Deċiżjoni approvat mill-Unjoni Ewropea.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa permezz ta' din id-Deċiżjoni awtorizzat li jinnomina il-persuna/i bil-poter li jiffirma l-Ftehim sabiex jorbot l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 3

Din id- Deċiżjoni għanda tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ mill-ġurnata ta' l-adozzjoni tagħha.

Magħmula fi Brussel, fis-26 ta' Mejju 2003.

Għall-Kunsill

Il-President

G. DRYS

[1] ĠU L 34, tal-11.2.2003, p. 26.